# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' l-Erbgha 7 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru : 866/2007 JPG**

**Kawza Numru : 3**

**Hugh Vella (ID Nru. 518282 M)**

**Vs**

**Claudine Tesi (ID Nru. 560085M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Hugh Vella I.D no. 518282 (M), fol 27 li jaqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2004 r-rikorrenti / attur u l-intimata / konvenuta deheru fuq kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb (Dok. 'A') li permezz tieghu huma xtraw f'ishma indaqs u indivizament bejniethom it-terran numru mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha ittra A (104A) u qabel kellu numru mija erbgha u erbghin (144) fi Triq l-Arkata gja Strada Loggia, Rahal Gdid, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu inkluza il-bitha tieghu bl-arja libera tal-bitha inkluza l-kamra mibnija fl-istess bitha u l-arja libera tal-istess kamra, kif sottotpost in parte ghal beni tal-venditrici Carmen Farrugia li*

*mieghu igawdi komunjoni ta' drains u drenagg u fuq il-bejt taghha il-kompraturi jkollhom dritt li jistallaw u jmantnu tank ghall-ilma, aeriel ghat-televizjoni u/jew dak tas-satellita, kollox ta' qisien domestici, kif igawdi u kif soggett ghas-servitujiet kollha apparent u/jew inerenti ghal-posizzjoni tieghu in relazzjoni mal-fond ta' fuqu, liberu u frank minn kull haga ohra, bil-pussess vakanti.*

2. *Illi fl-ghoxrin (20) t'April 2007 il-kontendenti deheru fuq u iffirmaw konvenju fejn l-intimata / konvenuta obbligat ruhha u wieghdet li tbirgh, tassenja u tittrasferixxi favor r-rikorrenti / attur Hugh Vella li accetta nofs indiviz (1/2) (peress illi n-nofs indiviz l-iehor huwa gia tar-rikorrenti / attur) tat-terran numru mija erbgha u tletin (134) qabel mij au erbghin (140) gja numru u erbgha (104) ittra "A" (104A) qabel kellu n-numru mikja erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata, gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid, inkuza l-bitha li taghmel parti mill-istess post, inkluz il-kamra fl-istess bitha u l-arja taghha, sottopost ghal proprjeta' ta' terzi u soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni tieghu favor il-proprjeta' sovrastanti, bid-dritt ta' tank tal-ilma, satellite dish, u dritt ta' access f'kaz ta' hsara u manutenzjoni f'hinijiet ragonevoli fuq il-bejt tal-block u bil-prezz ta' seba' t'elef miotejn u hamsin lira maltin (Lm7,250) pero' minnhom r-rikorrenti / attur kien ser ihallas biss is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2,000) rapprezentanti l-flus li l-intimata / konvenuta kienet harget ghax-xiri tal-proprjeta' filwaqt li r-rikorrenti / attur kellu jibqa' jhallas il-loan li kien hemm mal-Bank u dank if jirrizulta mill-annessa kopja tal-konvenju esebita u mmarkata bhala Dok. 'B'.*

3. *Illi dan l-konvenju gie debitament irregistrat mil-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif jidher mid-dokument esebit, anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.*

4. *Illi l-intimata / konvenuta ghalkemm interpellata sabiex tersaq u taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali anke permezz ta' zewg ittri ufficjali datati tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju 2007 u dsatax (19) ta' Lulju 2007 (Dok. 'D' u 'E' rispettivament) baqghet inadempjenti u qed tirrifjuta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv ai termini tal-ligi u dan kif jidher minn zewg ittri ufficcjali prezentati mill-intimata / konvenuta datati sitta (6) ta' Lulju 2007 u l-ewwel (1) t'Awissu 2007 (Dok. 'F' u 'G' rispettivament).*

5. *Illi l-intimata / konvenuta mhux talli irrifjutat li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ai termini tal-ligi izda talli pprezentat rikors guramentat fl-ismijiet inverse ossia "Claudine Tesi vs Hugh Vella" (Rikors Guramentat Nru. 751/2007 FS) sabiex tittenta tirrexindi l-konvenju tal-ghoxrin (20) t'April 2007.*

6. *Illi l-allegazzjonijiet tal-intimata / konvenuta uhma infondati fil-fatt u fid-dritt u kif ukoll huma fiergha u ma huma xejn ghajr tentattiv meskin sabiex tittenta tevita li tonora l-obbligi minnha assunti.*

7. *Illi l-konvenju tal-ghoxrin (20) t'April 2007 huwa validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Ghaldaqstant a bazi tar-ragunijiet fuq premessi r-rikorrenti / attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi l-intimata / konvenuta hija obbligata ai termini tal-ligi u kif ukoll ai termini u l-kondizzjonijiet tal-konvenju datat ghaxrin (20) t'April 2007 illi tersaq u taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh li permezz tieghu hija ghandha tbiegh, tassenja u tittrasferixxi favor r-rikorrenti / attur Hugh Vella nofs indiviz (1/2) (peress illi n-nofs indiviz l-iehor huwa gia tar-rikorrenti / attur) tat-terran numru mija erbgha u tletin (134) qabel mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha (104) ittra "A" (104A) qabel kellu n-numru mija erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata, gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid, inkluza l-bitha li taghmel parti mill-istess post, inkluz il-kamra fl-istess bitha u l-arja taghha, sottopost ghal proprjeta' ta' terzi u soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni tieghu favor il-proprjeta' sovrastanti, bid-dritt ta' tank tal-ilma, satellite dish, u dritt ta' access f'kaz ta' hsara u manutenzjoni f'hinijiet ragonevoli fuq il-bejt tal-block u bil-prezz ta' seba' t'elef mitejn u hamsin lira maltin (Lm7,250) pero' minnhom r-rikorrenti / attur ghandu jhallas biss is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2,000) (jew l-ekwivalenti taghhom fil-munita ewro) rapprezentanti il-flus li l-intimata / konvenuta kienet harget ghax-xiri tal-proprjeta' filwaqt li r-rikorrenti / attur ghandu jibqa jhallas il-loan li hemm mal-Bank, u taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulate fl-istess konvenju.*

2. *Tordna u tikkundanna lill-intimata / konvenuta tidher u tersaq ghall-*

*pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh fejn hija tbiegh, tassenja u tittrasferixxi favor r-rikorrenti / attur in-nofs indiviz (1/2) (peress illi n-nofs indiviz l-iehor huwa gia tar-rikorrenti / attur) tat-terran numru mija u erbgha u tletin (134) qabel mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha (104) ittra 'A' (104A) qabel kellu n- numru mija erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata, gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid, inkluza l-bitha li taghmel parti mill-istess post, inkluz il-kamra fl-istess bitha u l-arja taghha, sottopost ghal proprjeta' ta' terzi u soggett ghas-servitujiet rizultanti mill-posizzjoni tieghu favor il-proprjeta' sovrastanti, bid-dritt ta' tank tal-ilma, satellite dish, u dritt ta' access f'kaz ta' hsara u manutenzjoni f'hinijiet ragonevoli fuq il-bejt tal-block u bil-prezz ta' seba' t'elef mitejn u hamsin lira maltin (Lm7,250) pero' minnhom r-rikorrenti / attur ghandu jhallas biss is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm,2000) (jew l-ekwivalenti taghhom fil-munita Ewro), rapprezentanti il-flus li l-intimata / konvenuta kienet hargt ghax-xiri tal-proprjeta' filwaqt li r-rikorrenti / attur ghandu jibqa' jhallas il-loan li hemm mal-Bank, u kif ukoll that il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju.*

3. *Tiffissa lok, jum u hin ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku.*

4. *Tinnomina u tiddelega Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' bejgh relattiv fil-jum, hin u post li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.*

5. *Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimata / konvenuta fuq l-att pubbliku f'kaz ta' eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju 2007 u dsatax (19) ta' Lulju 2007 kontra l-intimata / konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Claudine Tesi [560085M], a fol 43, li taqra hekk:

*Illi in linea preliminari tecepixxi in-nullita' tar-rikors stante illi mill-atti notifikati*

*lill-esponenti ma jirrizultax illi ir-rikors gie debitament notifikat kif jirrikjedi il-ligi;*

*Illi subordinament in substantia u minghajr pregudizzju l-esponenti kellha raguni gusta sabiex ma tiddivjenix ghall-att finali tal-kuntratt u dan minhabba koerzjoni morali qawwija ai termini ta' artiklu 966 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi minhabba fil-premess l-esponenti inizzjat proceduri fejn qed titlob lil Qorti tiddikjara il-konvenju kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u dan minhabba ir-ragunijiet fuq premessi u ghalhekk jidher illi din il-Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm ma tinqata il-kawza l-ohra;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

Rat illi in vista tat-tielet eccezzjoni tal-intimata, l-kawza kienet giet differita sine die, pendenti l-ezitu finali tal-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 751/07LSO;

Rat illi l-kawza fl-ismijiet Claudine Tesi vs Hugh Vella (Rikors Guramentat nru. 751/07 LSO) giet deciza fid-29 ta' Ottubru 2015 favur Hugh Vella, u minn din is-sentenza ma gie ntavolat l-ebda appell;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota' ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Rat illi minkejja li gew koncessi diversi opportunitajiet, l-intimata baqghat ma pprezentatx il-provi taghha, u illi l-avukat difensur taghha kellha tirrinunzja l-patrocinju tal-intimata fil-15 ta' Frar 2018 minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni da parti tal-intimata stess;

Rat illi minkejja l-estensjoni tat-terminu moghti lill-intimat, hija baqghat ma prezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Hugh Vella** xehed permezz t'affidavit a fol 62 *et seqq* illi l-partijiet kien gharajjes u flimkien kienu xtraw fond bl-indirizz 134, gja 140, Triq l-Arkata, Rahal Gdid. Qal illi l-prezz dovut ghal dan il-fond kien ta' Lm14,500, ekwivalenti ghal €33,775.91, minn liema ammont kien thallsu Lm1,470 bhala depozitu. Zpjega li huwa kien hallas is-somma ta' Lm1,000 permezz ta' *bank draft,* u l-intimati kienet hallset ir-rimanenti Lm470 bi flus kontanti. Fir-rigward tas-senserija fl-ammont ta' Lm2,000 qal illi ghalkemm hemm indikat li din kienet thallset minnu u mill-intimata, fil-veritu kien hu li hallas is-somma shiha permezz ta' flus kontanti.

Spjega illi sabiex jixtru dan il-fond kienu hadu *loan* minghand HSBC Bank Malta ghas-somma ta' Lm15,500, ekwivalenti ghal €36,105.29 u min din is-somma:

- €30,351,74 kienu thallsu mill-bank lil vendituri, a saldu tal-bilanc tal-prezz dovut ghax-xiri tal-fond;
- €2,026.55 thallsu mill-bank ghall-ispejjez tal-kuntratt;
- €3,727 kellhom jithallsu mill-bank lill-kuntratturi ghax-xoghol li kienu ser jaghmlu fil-post.

Spjega li dan il-fond kien fi stat hazin tant li ma setghux jidhlu joqghodu go fih. Qal illi hekk kif stawk u beda jahdem fih, u kien imur kwazi kuljum wara x-xoghol. Spjega li hu kien waqqa' xi kmamar antiki li kien hemm fih, u bena erba' kmamar godda u *washroom*, u ha hsieb il-bini, tikhil u *connections* tad-dawl, tal-ilma u tad-*drains*, tqeghid ta' madum u kmamar tal-banju, zebgha tal-kmamar u tal-faccata. Rigward l-ispejjez relatati ma' dan, xehed illi peress illi l-bank kien sellifhom biss is-somma ta' €3,727 ghall-finijiet ta' xogholijiet, il-bqija tal-ispejjez kien harighom hu. Qal illi inoltre, l-pagament tal-*loan* kienu dejjem isiru minnu, u l-intimati ma kienet thallas xejn.

Xehed illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet intemmet fi Frar jew Marzu tal-2007, sa liema zmien il-post kien kwazi lest, apparti l-bibien u l-ghamara. Rigward il-fond, l-intimat kienet qaltlu li hi kienet kuntenta li l-loan u l-fond iduru fuq ismu, jekk hi tiehu lura l-flus li harget. Qal li b'hekk kien qablu li l-intimata tbieghlu sehemha, u hi kellha tithallas is-somma ta' Lm2,000, li kienet ftit aktar mill-flus li kienet harget fil-bidu. Qal li ghalhekk fl-20 ta' April 2007 kienu marru flimkien ghand in-Nutar Bartolomeo Micallef u ffirmaw konvenju, skont liema l-intimata kellha thallas is-somma ta' Lm2,000 biex tbieghlu s-sehem taghha mill-post. Qal li dakinhar stess, kif hargu minghand in-Nutar kien ta lill-intimata s-somma ta' Lm400 bi flus kontanti, akkont l-ammont dovut lilha.

Spjega li l-konvenju kellu jiskadi fl-20 ta' Lulju 2007, izda dakinhar li kellu jsir il-kuntratt l-intimata ma kienetx dehret, u omm l-intimata kienet informat lin-Nutar, wara li dan cempel lill-intimata, li bintha ma kienetx sejra tiffirma. Qal li kien ghalhekk li hu kien mar ghand l-avukat tieghu u prezenta l-att gudizzjarji ncessarji. Spjega li l-intimata bdiet tallega li kienet iffirmat il-konvenju in kwistjoni ghaliex kien ghamel pressjoni fuqha, u filfatt kienet intavolat kawza sabiex tikseb l-annullament tal-konvenju. Xehed li pero, l-intimat kienet tilfet din il-kawza, izda ma ressqet l-ebda appell.

**In-Nutar Bartholomeo Micallef** xehed a fol 67 *et seqq* illi skont il-kuntratt tal-akkwist tan-Nutar Vella Zarb tal-1 t'Ottubru 2004, il-prezz tal-proprjeta in kwistjoni kien ta' Lm14,500, u ghalhekk ghal finijiet ta' taxxa l-fond ma setghax jinbiegh ghal anqas minn nofs, peress li kien qed jinbiegh nofs il-fond. Spjega li ghalhekk jigi indikat nofs il-prezz originali ghal fini ta' bolla, izda mbaghad jigi ddikjarat illi l-kompratur irid ihallas dak l-ammont li l-venditur ikun hareg, li f'dan il-kaz kien l-ammont ta' Lm2,000. Xehed li dakinhar li kellu jsir l-att finali ta' komprovendita, l-intimata ma kienetx dehret, u ghalhekk kien cempel id-dar fejn ommha kienet informatu li l-intimata ma kienetx ser tmur.

**Isabelle Grixti,** in rappresentanza tal-HSBC Bank Malta, xehdet a fol 86 *et seqq* illi l-kuntratt tal-home loan kienet gie ffirmat mill-partijiet fl-1 t'Ottubru 2004, fis-somma ta' €36,105.28. Xehdet li l-pagamenti kienu qed isiru minn kont intestate f'isem ir-rikorrent. Qalet li l-bilanc rimanenti illum il-gurnata huwa fis-somma ta' €29,390.56, oltre imghax fl-ammont ta' €57.15.

**Eunice Grech Fiorini,** Assistant Registratur, Qrati Civili u Tribunali, xehdet a fol 89 *et seqq* u kkonfermat li din il-kawza kienet giet prezentata fl-14 t'Awissu 2007, u li r-rikorrenti kienet giet notifikata personalment fis-27 ta' Settembru 2007, u kienet ipprezentat ir-risposta taghha fit-3 ta' Ottubru 2007.

**Ikkonsidrat;**

L-intimata eccepiet preliminarjament in-nuqqas ta' validita tan-notifika lilha tar-rikors gurament, li skont hi, jirrendi r-rikors guramentat null.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2001 gie ritenut illi

> *"Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex i**l-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifikata bl-att.** (...) Kwalunkwe nuqqas jew difett fil-process tan-notifika isir f'dawk ic-cirkostanzi irrilevanti."*

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc vs Francis Chetucti et** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2016 intqal illi:

> ***"…il-Qorti tqis illi id-difett fil-process tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija sar irrilevanti fil-mument meta giet prezentata risposta permezz ta' ittra ufficjali a nom u fl-interess tas-socjeta ntimata mis-Segretarju taghha, ghaliex il-prezentata ta' din ir-risposta tekwivali ghal dikjarazzjoni li s-socjeta ntimata kienet qed taghti ruhha b'notifikata bl-ittra ufficjali msemmija."***

Illi ghalhekk, apparti l-fatt illi l-intimata ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni taghha, il-Qorti tirrileva illi bil-prezentata tar-risposta guramentata taghha, l-intimata tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur tar-rikorrent, u kwalunkwe difett fin-notifika tal-istess rikors sar irrelevanti.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimata eccepiet fil-meritu illi hija kellha raguni gusta sabiex ma taddivjenix ghall-att finali ta' komprovendita, stante illi l-kunsens taghha fuq il-konvenju in kwistjoni kien ivvizjat minhabba koerzjoni morali qawwija.

Il-Qorti taghraf illi din l-eccezzjoni tal-intimata hija bbazata fuq il-meritu tal-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 751/07 LSO, tant illi l-intimata kienet talbet s-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri sakemm tigi deciza dik il-kawza.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi skont il-principji konstantament sostnuti mill-Qrati taghna, kuntratti huma prezunti validi u vinkolati. Ghalhekk minn jikkontendi n-nullita taghhom ghandhom l-oneru li jressaq pova sodisfacjenti tal-allegazzjonijiet tieghu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001:

> "***…l-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonjiet bejn il-kontraenti kellu jigi prezunt illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali taghhom. Min, bhall-appellanti, jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu...***"

Illi ghalhekk, kien jinkombi fuq l-intimata l-oneru illi tressaq prova sufficjenti illi l-kunsens taghha kien ivvizjat. Izda mhux talli l-intimata naqset milli tressaq provi sabiex tissostanzja l-eccezzjoni taghha, talli naqset ghal kollox milli tidher quddiem din il-Qorti, minkejja li kienet notifikata bir-riappuntament tal-kawza, u jirrizulta li anke kien waqfet tikkomunika mal-avukat taghha.

Inoltre, l-allegazzjoni tal-intimata illi l-kunsens taghha kien ivvizzjat giet determinata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fid-29 t'Ottubru 2015, fl-ismijiet inversi, fejn gie konkluz illi ma kienx hemm provi sufficjenti li jissostanzaw il-pretensjoni ta' Tesi illi l-kunsens taghha fuq il-konvenju kien ivvizjat. Ebda appell minn tali sentenza ma gie ntavolat minn Tesi.

Minn naha l-ohra, ir-rikorrenti ressaq provi, li baqghu mhux kontestati li juri li kien hu li kien qed ihallas il-pagamenti mensili dovut lill-bank ghall-facilita li kienet ittiehdet mill-partijiet sabiex jigi ffinanzjat ix-xiri tal-proprjeta in kwistjoni, u kien ukoll ir-rikorrent illi ghamel il-benefikati li hemm fil-proprjeta.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi mhux kontradetti mressqa mir-rikorrenti u tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet inversi, u fin-nuqqas ta' provi minn naha tal-intimata, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara illi l-intimata hija obbligata ai termini tal-ligi u kif ukoll ai termini u l-kondizzjonijiet tal-konvenju datat ghaxrin (20) t'April 2007 illi tersaq u taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh li permezz tieghu hija ghandha tbiegh, tassenja u tittrasferixxi favor r-rikorrenti Hugh Vella nofs indiviz (1/2) (peress illi n-nofs indiviz l-iehor huwa gia tar-rikorrenti / attur) tat-terran numru mija erbgha u tletin (134) qabel mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha (104) ittra "A" (104A) qabel kellu n-numru mija erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata, gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid, hekk kif deskritt ahjar fil-konvenju, u skont il-kondizzjonijiet elenkati fl-istess konvenju;**

2. **Tordna u tikkundanna lill-intimata tidher u tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh fejn hija tbiegh, tassenja u tittrasferixxi favur r-rikorrenti / attur in-nofs indiviz (1/2) tat-terran numru mija u erbgha u tletin (134) qabel mija u erbghin (140) gja numru mija u erbgha (104) ittra 'A' (104A) qabel kellu n- numru mija erbgha u erbghin (144) Triq l-Arkata, gia Strada Loggia, Rahal il-Gdid, u tappunta lin-Nutar Dr.Liza Schembri sabiex jippubblika l-kuntratt ta' bejgh relattiv sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data ta' din is-sentenza, fl-edifizju ta' din il-Qorti, u tinnomina lil Dr. Franco Galea bhala kuratur deputat sabiex jippraprezentaw lill-intimata fuq l-att pubbliku msemmi fil-kaz tal-eventwali kontumaci taghha.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil Dr. Franco Galea u lin-Nutar Dr. Liza Schembri.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**